

# Mistoqsijiet komuni

## ★ Għandi mistoqsija dwar il-formola

- Il-pajjiżi kolha tal-UE joffru assistenza prattika bla tħlas. Ara l-portal tal-Ġustizzja Elettronika jew staqsi fin-negozju lokali jew l-assoċċazzjoni tal-konsumatur tiegħek.

## ★ Għandi bżonn avukat?

- Le. Il-proċedura hija sempliċi biżżejjed biex titlesta mingħajr parir legali professionali. Madankollu, tista' tqabbad avukat jekk tixtieq.

## ★ Jien intitolat/a għal assistenza legali b'xejn?

- Tista' tkun ma tistax taffordja l-ispejjeż. Żur: [https://e-justice.europa.eu/content\\_legal\\_aid-55-mt.do](https://e-justice.europa.eu/content_legal_aid-55-mt.do).

## ★ Liema dokumenti nehmeż mal-formola tat-talba tiegħi?

- Kwalunkwe ġaġa li ssostni t-talba tiegħek: korrispondenza, fatturi, kuntratti, dikjarazzjoni tax-xhieda.

## ★ Irrid nidher fil-qorti?

- Mhxu normalment. Din hija primarjament proċedura bil-miktub. Is-seduti jsiru biss fejn meħtieġ u tista' titlob linkup tal-vidjaw.

## ★ Kemm tiswa t-talba?

- Int trid tħallas miżata għall-applikazzjoni lill-qorti li tittrarra l-każ tiegħek.
- Il-qratu jippruvaw iż-żommu l-ispejjeż ta' talbiet ta' valur baxx proporzjonali.
- Jekk titlef il-każ tiegħek, ikollok tirrimborża l-ispejjeż tan-naħħa l-oħra iż-żda dawk biss li l-qorti ssib meħtieġa u proporzjonati.
- Jista' jkollok bżonn tħallas biex titradu d-dokumenti u tikseb evidenza mingħand xhieda esperti. Madankollu, il-qratu jippruvaw iż-żommu l-ispejjeż għall-minimu.
- Tista' titlob rimborż tal-ispejjeż tiegħek.

D5-03-19-354-MT-N

In-negożju tiegħek għandu jieħu flus f'pajjiż ieħor tal-UE?  
Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar hija mod aktar mgħhaġġel u eħħef biex tiġri wara d-dejn. Skopri kif.

Niżżej gwida għall-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar minn: [https://e-justice.europa.eu/content\\_small\\_claims-42-mt.do](https://e-justice.europa.eu/content_small_claims-42-mt.do)



Żur il-Portal tal-Ġustizzja Elettronika: <https://e-justice.europa.eu/home.do?plang=mt&action=home>

### Segwina

<https://www.facebook.com/EUJustice/>

[https://twitter.com/EU\\_commission](https://twitter.com/EU_commission)

In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew  
fil-materji ċivili u kummerċjali



## Iġri wara flus dovuti f'pajjiż ieħor tal-UE

Għajnejiet  
għall-SMEs dwar  
il-Proċedura Ewropea  
għal Talbiet Żgħar

# Il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar tista' tgħin lin-negozju tiegħi?

Għandu jagħtik il-flus, klijent jew fornitur f'pajjiż ieħor tal-UE?

Talbiet għall-ħlas transkonfinali jistgħu jidhru ta' uġiġi ta' ras. Inti ma tridx tispiċċa toħroġ mill-but għal kawża twila f'qorti f'pajjiż barrani.

Iżda hemm mod kost-effettiv biex tirkupra dak li għandek tingħata: il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. M'għandux għalfejn ikollok avukat, tista' tikseb għajnejn bil-formoli u l-proċedura hija relativament malajr.

Tħallix il-biża' li titlef il-flus twaqqfek milli tagħmel negozju transkonfinali.

## 93 %

tal-SMEs tal-Ewropa għandhom  
10 impjegati jew inqas.<sup>1</sup>

Il-Proċedura għal Talbiet Żgħar  
tista' tgħin lil dawn il-kumpaniji  
li m'għandhomx ġin biex jieħdu dak  
li għandhom jingħataw.

## It-talba tiegħi hija xierqa?



**IVA  
JEKK:**

- ▶ qed titlob flus jew kumpens minn negozju, organizzazzjoni jew klijent f'pajjiż ieħor tal-UE.
- ▶ it-talba ma teċċedix € 5,000.



**LE  
JEKK TINVOLVI:**

- ▶ djun fl-istess pajjiż li fih huwa bbażat fih in-negozju tiegħek.
- ▶ valur ta' aktar minn € 5,000.
- ▶ tilwima ma' awtorità pubblika dwar taxxi, miżati jew sigurtà soċjali.
- ▶ impieg, divorzju, suċċessjoni jew id-dritt tal-familja.
- ▶ tilwima kontra persuna/negozju bbażat fid-Danmarka.

Il-proċedura tkopri kumpens għal prodotti u servizzi, mhux biss għal prodotti tanġibbli.

## Humes passi faċli

**PASS 1**

Imla l-Formola tat-Talba A, ehmeż id-dokumenti ta' sostenn. Il-formola tista' titniżżeł minn: [https://e-justice.europa.eu/content\\_small\\_claims\\_forms-177-mt.do?clang=mt#action](https://e-justice.europa.eu/content_small_claims_forms-177-mt.do?clang=mt#action)

**PASS 2**

Ressaqha quddiem il-qorti rilevanti fiżikament jew elettronikament (fejn aċċettat).

**PASS 3**

Il-qorti tibgħat kopja tat-talba tiegħek lill-konvenut fi żmien 14-il jum. Il-konvenut għandu 30 jum biex iwieġeb.

**PASS 4**

Fi żmien 30 jum, jekk il-qorti jkollha biżżejjed informazzjoni, tieħu deċiżjoni. Tista' titlob aktar informazzjoni jew għal seduta.

**PASS 5**

Tista' titlob ċertifikat tas-sentenza għall-eżekuzzjoni tal-qorti b'xejn.

1. Sors: Rapport Annwali dwar SMEs Ewropej 2016/2017